

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' April 2011 —  
Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-70/09)**

“FEŻR — Dokument uniku ta’ programmazzjoni individwali li jirrigwarda r-reġjun ta’ Groningue-Drenthe — Deċiżjoni li tnaqqas l-għajnuna finanzjarja u li tordna r-imbors parzjali tas-somom imħallsa — Obbligu ta’ motivazzjoni — Artikolu 23(1) u Artikolu 24(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 4253/88”

1. *Rikors għal annullament — Motivi — Nuqqas jew insuffiċjenza ta’ motivazzjoni — Raġuni distinta minn dik li tirrigwarda l-legalità fil-mertu (Artikoli 230 KE u 253 KE) (ara l-punt 31)*
2. *Koeżjoni ekonomika u soċjali — Interventi strutturali — Finanzjament Komunitarju — Ksur tal-kundizzjonijiet previsti — Obbligu tal-Istati Membri li jirkupraw il-fondi mitlu fu minħabba abbuż jew negliġenza — Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali — Limiti — Effettivitā tad-dritt Komunitarju (Artikolu 211 KE; Regolamenti tal-Kunsill Nru 2052/88, Artikolu 4(1), Nru 4253/88, Artikolu 23 u 24; Regolament tal-Kummissjoni Nru 1681/94, Artikolu 5(2)) (ara l-punti 47-49)*
3. *Koeżjoni ekonomika u soċjali — Interventi strutturali — Finanzjament Komunitarju — Obbligu tal-Istati Membri ta’ kontroll regolari tal-azzjonijiet iffinanzjati — Kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tikkonstata difetti fis-sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll fil-livell nazzjonali (Artikolu 274 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 4253/88, Artikoli 23(1), u 24) (ara l-punti 55, 56, 58)*

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 8355, tal-11 ta’ Diċembru 2008, li tnaqqas l-għajnuna finanzjarja tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mogħtija fil-kuntest tad-dokument ta’ programmazzjoni individwali Nru 97.07.13.003, li jaqa’ taħt l-Objettiv 2, fir-rigward tar-reġjun ta’

Groningue-Drenthe, b'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/711/KE, tas-26 ta' Mejju 1997.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandu jbatisi l-ispejjeż.

### **Sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla) tal-14 ta' April 2011 — TTNB vs UASI — March Juan (Tila March)**

**(Kawża T-433/09)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Tila March — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti CARMEN MARCH — Raġuni relativa għal rifut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relativi għal rifut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta’ trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta’ konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 22, 23, 60)*

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Awwissu 2009, (Każ R 1538/2008-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Carmen March Juan u TTNB.